ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-452 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Vella, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Brian Spiteri u s-Sur Joseph Bonnici.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija, is-Sur Joseph Buttigieg daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Grech daħal fis-6.40 ta' filgħaxija.

Inqrat ittra ta' skuża mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tiġi skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tiġi skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (is-Sway) li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-minuti tal-451 laqgħa jiġu unanimament approvati.

Item3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk id-delegazzjoni tal-Kunsill li marret Eschborn kinitx ħejjiet ir-rapport lill-Kunsill dwar id-diskussjonijiet li saru. Is-Sindku qal illi kien ser jippreżenta r-rapport fil-laqgħa li jmiss.

Fis-6.07 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx saret l-applikazzjoni għall-fondi taħt Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi sabiex isir ir-restawr tal-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Is-Sur Joseph Agius ippreżenta r-rapport dwar l-i*study visit* li saret mil-LEAP f'Dublin fl-Irlanda.

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitati għall-Familja, Tfal u l-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti Żabbar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2015 kien ser jiġi organizzat il-pellegrinaġġ bir-roti u muturi.

Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti Żabbar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Ħadd, 6 ta' Settembru, 2015 kien ser jiġi organizzat pellegrinaġġ bir-roti għat-tfal madwar it-toroq ta' Ħaż-Żabbar.

Fis-6.15 ta' filgħaxija l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa.

Inqrat stedina mibgħuta mill-Kap Eżekuttiv tal-Libreriji Maltin flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba għall-inawgurazzjoni tar-rinovament tal-librerija pubblika tal-Imqabba fl-14 ta' Lulju, 2015.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Malcolm Schembri dwar il-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk hux ser isir avviż mill-Kunsill f'din il-pubblikazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (is-Sway) li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppublikat avviż relatat mal-ġbir ta' skart, skart riċiklabbli u ġbir ta' ħġieġ għall-ħlas ta' €60.

Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva korrispondenza relatata ma' tiġrijiet taż-żwiemel fil-lokalità. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Inqrat ittra mibgħuta flimkien ma' petizzjoni minn residenti li joqgħodu fi Triq Bajada minħabba problema ta' parkeġġ fit-triq tagħhom.

Inqrat ittra ta' risposta mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali relatata mal-*bid bond* tal-kumpanija *WM Environmental Ltd* għall-offerta għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 5/2015) fejn il-Kunsill ġie nfurmat sabiex jimxi mad-dokumenti tal-offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill parir legali li ngħata mill-avukat Dr Mario Caruana dwar il-garanzija bankarja. Dr Caruana nforma lill-Kunsill li skont id-dokument tal-offerti kellha tiġi ppreżenta *bid bond* valida u oriġinali fl-ammont ta' elf mija u ħamsa u sittin Euro (€1,165) mill-offerent *WM Environmental Ltd.* Fuq dan il-parir is-Sindku ppropona li l-offerta tal-kumpanija *WM Environmental Ltd* tiġi skwalifikata, is-Sur Joseph Agius issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel it-tieni offerta għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani ZLC 5/2015 tas-Sinjura Vinċenza Camilleri għall-prezz ta' €5,500.

Item 6 - Xogħol tal-Kunsill

Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mis-16 ta' Ġunju 2015 sat-13 ta' Lulju 2015 li kienet tammonta għal €37,624.45.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2015 li kien jammonta għal €162.26.

Aġġudikazzjoni dwar il-kuntratti :

Kuntratt għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff (ZLC 6/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerta li ġiet mitfugħa għas-Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff ZLC 6/2015. L-offerta mitfugħa kienet mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Prezz** |
|---|---|---|
| Ronald Bezzina | Mimlija u ffirmati | *1 item* €1.25 *per call*<br>*2 items* €1.50 *per call*<br>*3 items* €1.75 *per call*<br>*4 items* €2.00 *per call* |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-offerta tas-Sur Ronald Bezzina.

Fis-6.30 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Buttigieg daħal għal-laqgħa.

Kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 8/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerta li ġiet mitfugħa għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 8/2015). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Bid Bond** | **Prezz** |
|---|---|---|---|
| Mario Farrugia | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €27,000 |
| Sandro Caruana | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €24,890 |
| David Grech | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €30,000 |
| Wilson Mifsud | Mimlija u ffirmati | €1,165 | €44,000 |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-aktar offerta vantaġġuża dik tas-Sur Sandro Caruana għall-prezz ta' €24,890.

Fis-6.40 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Item 7 - Berġa Ħaż-Żabbar

Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu ma' uffiċjali mill-*Primary Health Care* ġiet diskussa l-possibilità li ssir manutenzjoni u tiġi devoluta l-Berġa ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi li d-Dipartiment għall-Kura Primarja kien ser joħorġ l-ammont ta' €4,000 sabiex issir manutenzjoni tal-berġa filwaqt li l-Kunsill iħallas id-differenza. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt sabiex issir il-manutenzjoni u d-devoluzzjoni tal-berġa, il-Kunsill jitlob l-istima mill-Perit tal-Gvern sabiex ikun jaf kemm ser tkun in-nefqa totali tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Gvern Ċentrali biex tinqasam l-ispiża li trid issir għall-manutenzjoni tal-berġa.

Is-Sindku qal li waqt diskussjoni li kellu mas-Segretarjat għall-Anzjani ġiet diskussa l-possibilità li s-Segretarjat għall-Anzjani iħallas l-ispejjeż sabiex tiġi rranġata l-infrastruttura fis-Sala tal-Kunsill fejn ser isir id-*day centre* u jsir xogħol ta' *aluminium* fil-gallarija kif ukoll issir kamra bl-*aluminium* sabiex tikber is-sala u tinħoloq *kitchenette.* Il-Kunsill irid jixtri wkoll mwejjed, xi siġġijiet, sink għall-*kitchenette*, *boiler* u *tv*. Is-Sindku qal illi d-*day centre* ser tibda tinfetaħ tlett ijiem fil-ġimgħa matul il-ħinijiet ta' filgħodu u t-tindif ser ikun fir-responsabbilità tas-Segretarjat għall-Anzjani. Is-Sindku qal illi s-sala tal-Kunsill ser tkun tista' tibqa' tintuża għal-attivitajiet tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir it-tibdil strutturali fis-sala u jinxtraw l-affarijiet meħtieġa bil-għan li din tibda tintuża bħala *day centre* għall-anzjani.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ħaddiem tal-IPSL is-Sur Mario Mercieca kien spiċċa minn mal-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar u mar jaħdem f'Kunsill ieħor fuq talba tiegħu stess.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway) il-Kunsill qabel unanimament li l-ħaddiem mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li qiegħed iwettaq xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar jaħdem sitt siegħat bħall-ħaddiema tal-*community work scheme* minħabba problema ta' trasport.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq f'Ħaż-Żabbar (ZLC 4/2013) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija Central Asphalt Limited ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jekk il-kumpanija *Central Asphalt* ma tibdiex ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Ġnien fi żmien ħmistax, il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti sabiex isir dan ix-xogħol.

Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-bżonn li tiġi rranġata l-problema ta' ilma tax-xita li qiegħed jidħol fir-residenza fi Triq Bajada ma' Triq il-Ġnien. Huwa semma l-possibbiltà li ssir *road hump* fi Triq Bajada ftit 'il fuq minn Triq il-Vittorja.

Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Skrivan/a fi Skala 15 *(back to back)* u *Assistant Principal Officer* Skala 11

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla kompost mis-Sindku, mis-Sur Joseph Buttigieg mis-Sur Joseph Bonnici, mis-Sur John J Pace u mis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u biex iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill għall-ingaġġ ta' skrivan/a fi skala 15 (*back to back*) kif ukoll tal-*Assistant Principal Officer* fi skala 11.

Item 8 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sindku ta dettalji dwar konferenza stampa li ser issir nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju, 2015 u li għaliha ser jattendu rappreżentanti mill-Fondazzjoni Valletta 18 u Fondazzjoni Teatru Rjal fil-bini tal-Kunsill fl-10.00 ta' filgħodu dwar l-attività kulturali li ser issir nhar is-Sibt 25 ta' Lulju 2015 fi Triq is-Santwarju.

Il-Viċi-Sindku qal illi kien sar qtugħ ta' ħaxix mill-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium* fil-Qasam tad-Djar iżda ma nġabarx.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi minkejja li kienet saret il-laqgħa mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium* ix-xogħol mitlub mill-Kunsill baqa' ma sarx.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li titwaħħal tabella sabiex ma jilgħabux bil-ballun u bir-roti f'Misraħ San Ġakbu kif ukoll il-ħtieġa li jkun hemm żona magħluqa għat-tfal iż-żgħar.
Is-Sur Brian Spiteri talab sabiex jinbidel il-kulur taż-żebgħa li bihom kienu qed jinżebgħu l-bankijiet f'Misraħ is-Sliem.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex terġa' titwaħħal it-tabella tal-*one way* fi Triq il-Fiġel.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jiġu mtawwla l-*yellow lines* li hemm fil-kantuniera ta' Triq Felice ma' Triq il-Kunvent peress illi l-karozzi tal-linja ma jkunux jistgħu jduru minħabba li jkun hemm il-karozzi pparkjati.

Is-Sur Buttigieg talab ukoll sabiex isiru *yellow lines* fi Triq id-Dukkar faċċata tal-i*sprayer* peress illi l-*coaches* qed isibu diffikultà biex iduru minħabba li jkun hemm il-karozzi pparkjati.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jerġgħu jitwaħħlu l-ħadid li kienu nqalgħu minn mal-bandli fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex Triq Santa Tereża, il-parti bejn Triq is-Santwarju u Triq Strickland, issir *two way.*

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-bitħa tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir *patching* fi Trejqet San Ġorġ Preca u fi Triq Felice ma' Triq is-Santwarju.

Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva dwar xogħol ta' titjib li sar f'binjiet tal-Awtorita` tad-Djar.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet li l-Kunsill taż-Żgħażagħ kien ser jorganizza attività relatata mas-saħħa u s-sigurtà.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex il-Kunsill jibda l-preparamenti sabiex jistieden id-delegazzjoni barranija matul il-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' talab sabiex jiġu mtawwla l-*wires* eżistenti tal-*microphones* li jintużaw waqt il-laqgħa tal-Kunsill u tinġieb stima sabiex jixtraw *wireless microphones.*

Fit-7.45 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Agius irringrazzja lill-Kunsill għar-rampi li kienu saru fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-knisja.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda l-attività Merħba lir-Rebbiegħa u li din l-attività kienet suċċess.

Is-Sur Joseph Agius qal illi s-Sinjura Maria Camilleri kienet rebħet *award* mill-Għaqda *CareMalta* wara li ġiet innominata mill-Kunsill għall-Premju Nazzareno Vassallo. Is-Sur Brian Spiteri issuġerixxa li l-Kunsill jikteb lis-Sinjura Camilleri u jifirħilha.

Is-Sur Joseph Agius ressaq suġġeriment li kien irċieva minn semmiegħ fuq Radju Ħompesch u talab sabiex il-laqgħa annwali pubblika tingħata pubbliċita fuq Radju Ħompesch.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill ikellem lill-pulizija peress illi kien qed ikun hemm ipparkjar ta' karozzi quddiem ir-rampi tal-persuni b'diżabilità fil-viċinanzi tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li tiġi rranġata ħofra li hemm fuq il-bankina fi Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li l-Kunsill ikompli jirranġa l-bankina li hemm imkissra fi Triq Strickland.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex meta terġa' toħroġ l-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi il-Kunsill jikkonsidra li jsir xogħol ta' restawr tal-istatwa ta' San Ġużepp kif ukoll sabiex jinżebgħu l-ittri tal-lapida li hemm fil-kantuniera mad-dar tal-Perit Ġużeppi Pace.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jikteb lil Transport Malta u ssir talba biex jiġu rranġati c-*central strips* fi Triq Villabate faċċata ta' Triq Sant Antnin u minflok isiru żewġ karreġġjati minflok karreġġjata waħda.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lill-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex issir *central stip* fi Triq il-Mina ta' Ħompesch quddiem il-pompi tal-petrol kif ukoll quddiem *Scotts Supermarket* peress illi kienu qed isiru diversi inċidenti tat-traffiku.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab sabiex issir *road hump* fi Triq Tumas Dingli fil-viċinanzi ta' Triq is-Santwarju.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) ressaq ilment li kien irċieva minn resident li talab sabiex tinqala' tabella minn quddiem ir-residenza numru 38 fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni u titwaħħal mar-residenza tiegħu.

Is-Sur John J Pace talab sabiex isiru *yellow lines* fi Misraħ San Ġakbu, Sqaq Numru 1.

Is-Sur John J Pace talab li titneħħa l-vleġġa minn mat-*traffic island* li hemm fi Triq il-Vittorja.

Is-Sur John J Pace talab li jinxtara pjanu ġdid peress illi hemm bżonn wieħed fis-sala tal-Kunsill għall-attivitajiet kulturali.

Is-Sur John J Pace talab li jsiru żewġ *spotlights* sabiex ikun hemm dawl adegwat fuq il-palk fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jiġu rranġati l-bozoz tal-art fil-bitħa taċ-Ċentru Ċiviku.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-453 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku